



Brussell, 8 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10875/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0157(NLE)**

**ENFOPOL 383
CT 131
RELEX 929
JAI 984
NZ 9**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9090/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-13 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ressqet lill-Kunsill proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu,¹ kif ukoll proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim².
2. L-għan tal-Ftehim huwa li jippermetti t-trasferiment ta' data personali bejn il-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand, sabiex jappoġġa u jsaħħaħ l-azzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u dawk ta' New Zealand, kif ukoll il-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati kriminali, inkluż il-kriminalità serja u t-terroriżmu, filwaqt li jiżgura salvagwardji xierqa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluż il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

¹ 9089/22 + ADD 1.

² 9090/22 + ADD 1.

3. Fis-27 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu³. Il-Partijiet iffirmaw il-Ftehim fit-30 ta' Ġunju 2022 fi Brussell.
4. F'konformità mal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew huwa meħtieġ qabel ma l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim⁴. Il-Kunsilliera ĠAI approvaw id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni permezz ta' proċedura ta' silenzju informali li skadiet il-Ħamis 7 ta' Lulju 2022, 15:00, mingħajr ma saru kummenti mid-delegazzjonijiet.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument ST 10092/22 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

³ ĠU L 176/3

⁴ 10092/22.